



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0005/2009

4.9.2009

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) fir-rigward tal-perjodi tal-intervent tal-2009 u l-2010 għall-butir u l-ħalib xkumat tat-trab (COM(2009)0354 – C7-0103/2009 – 2009/0094(CNS))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Paolo De Castro

(Proċedura simplifikata - Artikolu 46(2) tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovrji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
PROĊEDURA	7

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) fir-rigward tal-perjodi tal-intervent tal-2009 u l-2010 għall-butir u l-ħalib xkumat tat-trab (COM(2009)0354 – C7-0103/2009 – 2009/0094(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0354),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, li bi qbil miegħu huwa ġie kkonsultat mill-Kunsill(C7-0103/2009),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 u l-Artikolu 46 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0005/2009),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni hekk kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex temenda b'hekk il-proposta tagħha, bi qbil mal-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jinformah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal Regolament Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 2a

Emenda lir-Regolament (KE) Nru 72/2009

L-Artikolu 4(8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 dwar modifiki għall-Politika Agrikola Komuni billi jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1405/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008, u (KE) Nru 479/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1883/78, (KEE) Nru 1254/89, (KEE) Nru 2247/89, (KEE) Nru 2055/93, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 2596/97, (KE) Nru 1182/2005 u (KE) Nru 315/200¹ għandu jitħassar.

¹ĠU L 30, 31.1.2009, p. 1.

Ġustifikazzjoni

Minħabba kriżi serja fis-settur tal-ħalib, l-emenda proposta titlob li terġa' tiddaħħal l-għajjnuna għall-ħażna privata tal-ġobon.

PROĊEDURA

Titolu	Perjodi ta' intervent 2009 u 2010 għall-butir u t-trab tal-ħalib xkumat tat-trab
Referenzi	COM(2009)0354 – C7-0103/2009 – 2009/0094(CNS)
Data meta ġie kkonsultat il-PE	22.7.2009
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Paolo De Castro 21.7.2009
Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni	21.7.2009
Eżami fil-kumitat	2.9.2009
Data tal-adozzjoni	2.9.2009
Data tat-tressiq	7.9.2009